**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM L-24 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawza Numru: 8**

**Rik. Gur. 823/2018 RGM**

**Giovanni Dalli (K.I. 227635M),**
**Bernardette Dalli (K.I. 306772M) u**
**Maria Lourdes sive Marielou Dalli (K.I. 10868M)**

**vs.**

**Avukat Dr. Michelle Tabone (K.I. 138371M)**
**Fil-kwalita` taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Charles J. Scicluna, Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklesjastici Djocesani kollha f'Malta ghan-nom u fl-interess tal-Parrocca ta' Marsascala**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Giovanni Dalli, Bernardette Dalli u Maria Lourdes *sive* Marielou Dalli** ppreżentat fis-7 t'Awwissu, 2018 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi l-atturi huma missier u hut il-mejjet David Dalli, bin Giovanni Dalli u l-mejta Josephine nee Darmanin li twieled H'Attard fit-18 ta' Jannar 1971 u li miet f'Marsascala fid-29ta' Marzu 2016 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala **dokument A.**

2. Illi l-wirt ta' David Dalli ddevolva skond testment tal-4 ta' Marzu, 2016 fl-Atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana hawn annessi u mmarkati bhala **dokumenti B, C u D.**

3. Illi l-atturi huma l-missier u l-unici ahwa tal-mejjet David Dalli.

4. Illi David Dalli meta għamel l-aħħar u l-uniku testment tieghu ma kienx kapaċi u ma kienx jinstab fil-pjeni poteri mentali tieghu skond il-Liġi li jagħmel dan it-testment stante illi huwa kien dementi u kien affettat b'marda ta' *Schizoaffective Disorder and Generalised Anxiety Disorder* u dan kif jirrizulta minn certifikati medici rilaxxjati fis-26ta' Mejju 2016, fil-15ta' Dicembru 2015, 20ta' Mejju 2014 mahrug mill-Isptar Mater Dei, 20ta' Mejju 2014 mahrug minn Saint James Hospital, 29ta' Lulju 2010, 8ta' Marzu 2007, 10ta' April 2003 hawn annessi u mmarkati bhala **dokumenti E sa K.**

5. Illi kif jirrizulta mill-istess certifikati David Dalli kien affettat minn din id-disordni *Schizoaffective Disorder and Generalised Anxiety Disorder* tant li kellu jigi rikoverat l-Isptar Monte Carmeli u kellu bzonn *close follow up* minn dak iz-zmien il quddiem.

6. Illi huwa kien persuna vulnerabbli hafna u ma setghax izomm impieg tant li gie *boarded out* darbtejn kif jirrizulta mic-certifikati mahruga mit-tabib Psikjatra Dottor Joseph R Saliba datati 12ta' Dicembru 2001, 9ta' Jannar 2002 u 8ta' Awissu 2002 u ta' Dottor Etienne Muscat hawn annessi u mmarkati bhala **dokumenti M, N, O u P.**

7. Illi inoltre l-livell funzjonanti ta' mohhu kien fqir hafna u ma kienx kapaci jiddeciedi u/jew b'xi mod jiddisponi minn gidu kemm f'hajtu kif ukoll wara mewtu.

8. Illi għalhekk meta għamel l-aħħar u l-uniku testment tieghu tal-4ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana, huwa ma kienx kapaċi peress illi huwa ma kienx f'sensih fl-epoka li sar it-testment tant li ssuwicida ruhu hmistax wara kif jirrizulta mill-burial certifikat hawn anness u mmarkat bhala **dokument L** u konsegwentement it-testment tal-4 ta' Marzu, 2016 fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana, huwa null u bla effett fil-Liġi, stante l-inkapaċita tieghu.

8. Illi l-istat abittwali tat-testatur David Dalli, fl-epoka qabel it-testment, tat-testment u anki wara t-testment sal-mewt tieghu , kien illi t-testatur ma kienx kapaci jiddisponi minn hwejjgu stante l-marda li kien affettat biha tant li wasslitu sas-suwicidju tlett gimghat wara li ghamel it-testment.

9. Illi għalhekk dan it-testment huwa null u bla effett ġuridiku għax huwa kien marid b'moħħu meta għamlu jew subordinatament kien ta' moħħ u ta' volonta tant debboli li kien strument f'idejn ħaddieħor u għalhekk dan it-testment m'huwiex validu skond il-Liġi, partikolarment skond l-Artikolu 597 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna skond il-Liġi u għar-raġunijiet premessi jitolbu lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi David Dalli ma kienx kapaċi biex jagħmel it-testment tal-4 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana, **dokument B**.

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi dan it-testment hawn fuq riferit huwa null u bla effett ġuridiku stante illi David Dalli kien marid b'moħħu meta għamel dan it-testment u ma kienx kapaci biex jiddisponi

minn hwejjgu ghal wara mewtu u/jew subordinatament kien ta' moħħ u ta' volonta tant debboli illi kien strument f'idejn ħaddieħor u għalhekk dan it-testment m'huwiex validu skond il-Liġi u partikolarment skond l-Artikolu 597 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra legali tas-27ta' Ottubru 2016 u bl-inġunzjoni ta' l-intimat għas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Dr Michelle Tabone** ppreżentata fil-5 t'Ottubru, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, ir-rikors ġuramentat odjern huwa irritu u null stante li l-premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliggenti u kontradittorji u jħalltu flimkien żewġ azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-atturi qegħdin jeżerċitaw bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni għar-rexxissjoni u/jew għal nullita` tat-testment (liema azzjoni tippresuponi testament ġuridikament eżistenti iżda jrid jiġi annullat a bażi ta' allegazzjoni li fih nieqes xi element essenzjali rikjest mil-liġi għall-eżistenza tiegħu) u kif ukoll qed jeżerċitaw l-azzjoni a bażi tal-artikolo 605(1)(c) (liema azzjoni tippresuponi testament validu li fih l-elementi essenzjali rikjesti mil-Liġi għall-eżistenza tiegħu iżda fejn qed jiġi allegat illi l-persuna legali li rċeviet bl-istess testament mhix denja) liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin;

2. Illi preliminarjament u mingħajr pregudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma ġuridikament nulli, irriti u insostenibbli stante li l-premessi u t-talbiet kontenuti huma konfliġġenti u kontradittorji u jħalltu flimkien żewg azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-atturi qegħdin jeżercitaw bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni għar-rexxissjoni u/jew nullita tat-testment (liema azzjoni tippresuponi testment ġuridikament eżistenti iżda jrid jiġi annullat a bażi ta' allegazzjoni li fih nieqes xi element essenzjali rikjest mil-liġi għall-eżistenza tiegħu) u kif ukoll qed jeżercitaw l-azzjoni a bażi tal-artikolo 605(1)(c) (liema talba tippresuponi testament validu li fih l-elementi essenzjali rikjesti mil-Liġi għall-eżistenza tiegħu

iżda fejn qed jiġi allegat illi l-persuna legali li rċeviet bl-istess testament mhix denja) liema talbiet jeskludu lil xulxin;

3. Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li mhux minnu illi David Dalli kien marid b'moħħu meta għamel dan it-testment u li ma kienx kapaci biex jiddisponi min ħwejjġu għal wara mewtu u/jew li kien ta' moħħ u ta' volonta` tant deboli li kien strument f'idejn ħaddieħor;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-testment tal-4 ta' Marzu 2016, in atti Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana huwa validu għal finijiet u effetti kollha tal-Ligi stante li għandu ir-rekwizisti kollha li trid il-Liġi;

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-esponenti tiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni illi l-istess David Dalli "kien strument f'idejn ħaddieħor" u li għalhekk jeżistu l-estremi tal-artikolo 605(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet);

Illi dwar il-fatti kif esposti fir-Rikors Ġuramentat, l-esponenti tikkontesta illi David Dalli kien affett min mard mentali ta tali grad u natura li kien jinabilitah li jagħmel testment u/jew li t-testment tal-4 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana huwa b'xi mod nieqes minn xi element essenzjali għall-validita` tiegħu, u għalhekk l-esponenti tikkontesta id-dikjarazzjonijiet illi hemm fir-Rikors Ġuramentat u l-atturi għandhom, jekk jidhrilhom, jipprovaw dak li qed issostnu.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2018 il-Qorti idderiġiet lill-partijiet illi f'dan l-istadju kellhom jiġu trattati u deċiżi l-ewwel żewġ eċċezjonijiet preliminari tal-konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fis-7 ta' Marzu 2019[1] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fit-13 ta' Mejju 2019;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

David Dalli, iben ir-rikorrent Giovanni Dalli u ħu r- rikorrenti l-oħra miet fid-29 ta' Marzu 2016. Il-wirt tal-imsemmi ddevolva skont it-testment tal-4 ta' Marzu 2016 redatt min-Nutar Sylvana Borg Caruana. Filwaqt li David Dalli ħassar kwalunkwe testment preċedenti bis-saħħa ta' dan it-testment, it-Tieni Artikolu speċifikament ipprovda li 'It-testatur qieghed jinnomina u jistitwixxi bhala l-unika werrieta universali u proprjetarja assoluta tal-gid kollu tieghu ta' kull xorta u natura lil Parrocca ta' Marsascala. L-ghan tat-testatur huwa li jghin fil-bini tac-Centru Pastorali u jekk dan ikun ġia inbenda f'xi opri li jistgħu jsiru fil-bini ta' dan ic-Centru'.

Bis-saħħa ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw il-validità ta' dan l-istess testment. Ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li David Dalli ma kienx mentalment kapaċi jagħmel dan it-testment u dan peress li kien ibagħti minn kundizzjoni magħrufa bħala *Schizoaffective Disorder and Generalised Anxiety* u ilu jbagħti minn din il-kundizzjoni minn tal-anqas mit-12 ta' Diċembru 2001[2]. Mill-atti jirriżulta wkoll li huwa għamel xi żmien qasir rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli. Ir-rikorrenti jinsistu li 'l-livell funzjonanti ta' mohhu kien fqir hafna'[3], tant li ma kienx kapaċi jiddeċiedi jew jiddisponi minn ġidu, kif ukoll lanqas setgħa jżomm impjieg

[1] Paġna 70 et seq tal-proċess.
[2] Rapport mediku tal-Psikjatra Dr. Joseph R. Saliba, paġna 33 tal-proċess.
[3] Premessa 7 tar-rikors ġuramentat.

tant li ġie *boarded out* darbtejn. Ikompli jisħqu li dan tant hu minnu li wara li għamel dan it-testment huwa kien ikkommetta suwiċidju.

Fl-għaxar premessa tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li 't-testment huwa null u bla effett għax huwa kien marid b'moħħu meta għamlu jew subordinatament kien ta' moħħ u ta' volontà tant debboli li kien strument f'idejn ħaddieħor'[4] u għalhekk għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti (a) tiddikjara u tiddeċiedi li David Dalli ma kienx kapaċi jagħmel it-testment u (b) konsegwentament tiddikjara u tiddeċiedi li t-testment huwa null u bla effett u li ma kienx kapaċi jiddisponi minn ħwejġu peress li 'kien ta moħħ u ta' volontà tant debboli illi kien strument f'idejn ħaddieħor'[56] u li għalhekk it-testment m'huwiex validu partikularment skont l-Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili.

Ikkunsidrat

L-azzjoni tar-rikorrenti hi bbażata fuq allegat inkapaċità tat-testatur li jagħmel testment u dan minħabba li jallegaw li ma kienx mentalment kapaċi li japprezza dak li qiegħed jagħmel u/jew kien għal kollox priv mill-volontà minħabba li tant kien debboli li kien strument f'idejn ħaddieħor.

**L-Eċċezzjonijiet numri 1 u 2.**

F'dan l-istadju l-Qorti qed tiddeċiedi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta li huma kważi identiċi ħlief li l-ewwel eċċezzjoni teċċepixxi illi 'r-rikors ġuramentat odjern huwa irritu u null' filwaqt li t-tieni eċċezzjoni teċċepixxi illi 't-talbiet attriċi huma ġuridikament nulli, irriti u insostenibbli' għall-istess raġunijiet mogħtija fl-ewwel eċċezzjoni. Għalhekk il-Qorti ser tiddelibera dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien.

[4] Sottolinear tal-Qorti.
[5] Sottolinear tal-Qorti.
[6] Meħuda mit-tieni talba.

Fl-eċċezzjonijiet in diżamina il-konvenuta ssostni illi l-att promotur huwa kolpit minn nullita' li għandha twassal lill-Qorti tiddeklina milli titrattah in kwantu tirritjeni li sew il-premessi, sew it-talbiet attriċi huma konfliġġenti u kontradittorji li jagħmluwha impossibbli li jiġu trattati flimkien. Teċċepixxi l-konvenuta illi sew ir-rikors ġuramentat kif ukoll t-talbiet rikorrenti huma irriti u nulli peress li l-premessi u t-talbiet jirreferu għal żewġ azzjonijiet distinti: l-azzjoni għar-rexxissjoni u/jew għan-nullità tat-testment ai termini tal-Artikolu 597 tal-Kap 16 u fl-istess hin qed jeżerċitaw l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 605 (1) (ċ) tal-Kapitolu 16. Żewġ azzjonijiet li l-konvenuta tirritjeni ma jistgħhux jiġu trattati u deċiżi f'kawża waħda.

**Artikolu 597 tal-Kap. 16**.

Il-kapaċità li persuna tagħmel testment hi trattata fl-**Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi s-segwenti:

> Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:
>
> (a) dawk li ma jkunux għalqu l-età ta' sittax-il sena;
>
> (b) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom:
>
> Iżda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jirċievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jagħti ġurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista' jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett;
>
> (ċ) l-interdetti minħabba ġenn jew minħabba diżordni mentali;

(d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;

(e) l-interdetti minħabba tberbiq, kemm-il darba ma jiġux awtorizzati jiddisponu minn ħwejjiġhom mill-qorti li tkun ordnat l-interdizzjoni tagħhom:

Iżda l-interdett minħabba tberbiq jista', ukoll mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, iħassar it-testment li jkun għamel qabel l-interdizzjoni tiegħu.

**Artikolu 605 (1) (ċ) tal-Kap. 16**

Illi filwaqt li fir-rikors ġuramentat tagħhom r-rikorrenti jirreferu biss għall-Artikolu 597 fuq ċitat, l-intimaa tirreferi fl-eċċezzjonijiet preliminari in diżamina għall-**Artikolu 605 (1) (ċ) tal-Kap. 16** li jaqra hekk:

(1) Kull min -

[...]

(ċ) ikun ġiegħel, jew bil-qerq ġiegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja

[...]

jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi b'testment.

Il-konvenuta tqis illi t-talbiet attriċi huma msejsa fuq iż-żewġ artikoli ċitati li min-natura tagħhom huma konfliġġenti u kontradittorji b'dan illi ma jistgħux jiġu trattati flimkien.

Il-konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għamlet referenza għall-kawża fl-ismijiet **Mary Grech et vs. Maria Borg** (App. Ċiv. Nru 1238/2012) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Marzu 2014. Il-Qorti tosserva illi f'dik il-kawża l-atturi, wara li talbu li jiġi dikjarat u deċiż li t-testment huwa null u invalidu għaliex id-decujus ma kienx mentalment stabbli u li minħabba din l-inabilità huwa kien strument għad-direzzjoni ta' terzi, r-rikorrent f'dik l-azzjoni resqu talba oħra fis-sens illi f'każ li t-talbiet ma jintlaqgħux il-konvenuta (dejjem f'dik l-azzjoni) għandha tiġi dikjarata li hi persuna indenja li tiret minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 605 (1) (ċ). Din l-aħħar talba hija nieqsa fil-każ odjern. Minn qari tas-sentenza ċitata mill-konvenuta jirriżulta li l-konflitt fl-azzjoni inħoloq bl-inklużjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 605 (1) (ċ) tant li l-Qorti tal-Appell pprovdiet preċiżament is-segwenti:

> L-ewwel talba, ghalkemm bazata fuq zewg premessi, tista' ssegwi bhala talba peress li fiha l-atturi qed jitolbu l-istess haga, in-nullita` tat-testment, a bazi ta' gradi differenti tal-infermita mentali tad-decujus. Huma qed jallegaw illi t-testatur jew kien affett minn infermita mentali totali jew kien tant ta' volonta` debboli li kien "strument" f'idejn il-konvenuta. Persuna li hi biss "strument" f'idejn persuna ohra jonqos fiha l-volonta` necessarja biex taghti l-kunsens taghha ghal att impunjat. **Bit-tielet talba pero`** l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tinsa dan kollu u tghid li t-testatur kien mentalment kapaci, mohhu f'loku, izda gie ingannat. Hawn japplika l-principju *electa una via non datur recursus ad alteram*. Iz-zewg kawzali huma insanabbli ghax ma jistax ikun li t-testatur kien *sanis mentis* u mentalment inkapaci fl-istess hin.

Dan il-ħsieb kompliet telabora fuqu l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) f'sentenzi aktar riċenti, fis-sentenza **Rosalinda Rita Portelli et vs.**

**Carmen Portelli** (App. Ċiv. Nru. 34/2009) mogħtija fil-5 t'Ottubru 2018 u f'liema sentenza l-imsemmija Qorti tagħmel referenza għal sentenza oħra minnha mogħtija (iżda diversament preseduta) fit-2 ta' Marzu 2018. It-talba fil-kawża suċċitata kienet taqra hekk:

> *"(3) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ talbiet, tiddikjara li meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Anthony Hili, l-imsemmi Saviour Portelli ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali tiegħu b'mod li ma setax japprezza dak li qiegħed jagħmel u/jew kien priv mill-volonta` libera tiegħu minħabba l-pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li ġie mġiegħel minnha jagħmel testment, u ġie indott bil-qerq jaqta' lill-attriċi bint unika tiegħu mill-wirt tiegħu, u jagħmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' ġidu kollu.*"

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza suindikata, qabel għaddiet sabiex ċaħdet l-aggravju tal-appellant, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> 19. Għandu jingħad ukoll illi għalkemm it-tielet talba fiha nfisha tikkontempla żewġ kawżali differenti (li Saviour Portelli kien *sanis mentis* u wkoll li ma kienx *sanis mentis*) ma jfissirx li tali kawżali ma jistgħux ikunu kompatibbli għal xulxin. F'dan ir-rigward issir riferenza għal deċiżjoni riċenti mogħtija minn din il-qorti fil-kawża **Lorenza Bonnici et vs Maria Dolores Mifsud et** (2 ta' Marzu 2018) fejn ġie ritenut hekk:
>
> *"L-ewwel Qorti kkummentat illi ż-żewġ kawżali huma opposti għal xulxin in kwantu l-ewwel waħda hija bbażata fuq l-allegazzjoni tal-inkapaċita, filwaqt li t-tieni waħda tippresupponi li kienet kapaċi tagħmel testment (libertas testandi) iżda kienet kondizzjonata……*
>
> *Għalkemm il-kawżali ta' theddid tippresupponi l-kapaċita` tat-testatriċi li tagħmel testment, jibqa' l-fatt li fin-nuqqas li tiġi verifikata l-allegazzjoni tad-dimensja (ossia inkapaċita` mentali*

*assoluta) fil-mument li ġie redatt it-testment, xorta waħda jista' jirriżulta indeboliment mentali u/jew fiżiku li seta' rrenda l-pożizzjoni tat-testatriċi aktar suxxettibbli għal theddid. Jidher li kien f'dan l-ispirtu li l-ewwel Qorti minkejja li kkummentat li l-kawżali huma "opposti" għal xulxin, qisithom sanabbli u kompatibbli tant li qisithom it-tnejn alternattivi għal xulxin."*

Din il-pożizzjoni hija fil-fatt in linea ma' dak insenjat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **John Pace noe et v. Carmela Chircop** (deċiża fl-4 ta' Ġunju 1964), u cioe` li għalkemm jista' jidher li hemm kontradizzjoni bejn l-allegazzjoni tal-inkapaċita` mentali tat-testatur u l-allegazzjoni tal-kaptazzjoni u s-suġġestjoni, (in kwantu tal-ewwel tippresupponi n-nuqqas ta' *sana mens* u tat-tieni tippresupponi li fil-fatt kien hemm *sana mens*) tali kontradizzjoni hija waħda biss apparenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irrikonoxxiet li apparti mill-inkapaċita` mentali *per se,* għandu jiġi kkonsidrat l-indeboliment mentali u fiżiku in kwantu jpoġġi lill-persuna iktar fil-mira tad-dolo.

*"ma hemm xejn kuntrarju li l-kapitazzjoni u s-suġġestjoni jiġu pprospettati bħala ipotesijiet subordinati fil-każ ta' nuqqas ta' verifika tal-ipotesi iżjed gravi tal-infermita` mentali; għaliex, kif jgħid ir-Ricci, 'alla facolta` di testare e` necessario che si accoppi una volonta` efficace'. Hekk infatti sar fis-sentenza Imbroll vs Mougliett, Koll. Vol. XXIV.i.793 u fis-sentenzi taljani Nri 538 sal-548 ċitati fir-Raccolta ta' Gurisprudenza tal-Fadda, Vol III taħt l-Artikolu 762-763, li kif huwa risaput jikkomentaw leġislazzjoni simili għal tagħna. Għalhekk il-kontradizzjoni bejn it-tlett motivi li jaqgħu fl-ewwel kategorija fuq imsemmija hija biss apparenti u huwa wkoll floku, skont l-imsemmija sentenza Imbroll vs Mougliett, li l-indeboliment mentali u fiżiku jiġi kkonsidrat, apparti mill-inkapaċita`, anke bħala element tal-attrazzjoni iżjed faċli tad-dolo."*

Applikata l-ġurisprudenza ċitata għall-kawża odjerna l-Qorti tirrileva illi fil-kawża odjerna l-atturi ma humiex jagħmlu talba ai termini tal-Artikolu 605 (1) (ċ) tal-Kap. 16 kif tirritjeni l-konvenuta. Imkien ma nsibu fl-att promotur, la fil-premessi u wisq anqas fit-talbiet attriċi, illi l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-eredi universali indikat fit-testment mertu tal-kawża ma hux denju u għalhekk mhux kapaċi li jirċevi mit-testment de quo. Kieku minnu dak li ssostni l-konvenuta li l-atturi qed jipromwovu l-kawża ai termini tal-Artikolu 605 (1) (ċ), wieħed kien jistenna illi ta' lanqas tkun inkluża talba għall-dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-werriet indikat fit-testment tad-decujus "ġiegħel" jew "bil-qerq ġiegħel" lit-testatur jagħmel it-testment bil-mod kif għamlu. Wieħed kien jistenna wkoll li tali akkuża tkun tinstab fil-premessi. Minn dan kollu ma nsibu xejn la fil-premessi u lanqas fit-talbiet attriċi.

Għall-kuntrarju fil-premessi insibu kif ġej:

**Premessa nru 4:** Illi David Dalli meta għamel l-aħħar u l-uniku testment tieghu **ma kienx kapaċi u ma kienx jinstab fil-pjeni poteri mentali tieghu** skond il-Liġi li jagħmel dan it-testment stante illi huwa kien dementi u kien affettat b'marda ta' *Schizoaffective Disorder and Generalised Anxiety*

**Premessa nru 5**: Illi kif jirrizulta mill-istess certifikati David Dalli kien **affettat minn din id-disordni *Schizoaffective Disorder and Generalised Anxiety Disorder*** tant li kellu jigi rikoverat l-Isptar Monte Carmeli

**Premessa nru. 6**: Illi huwa **kien persuna vulnerabbli hafna** u ma setghax izomm impieg tant li gie *boarded out* darbtejn kif jirrizulta mic-certifikati mahruga mit-tabib Psikjatra Dottor Joseph R Saliba datati 12ta' Dicembru 2001, 9ta' Jannar 2002 u 8ta' Awissu 2002 u ta' Dottor Etienne Muscat

“**Premessa nru. 7**: Illi inoltre **l-livell funzjonanti ta’ mohhu kien fqir hafna u ma kienx kapaci jiddeciedi** u/jew b’xi mod jiddisponi minn gidu kemm f’hajtu kif ukoll wara mewtu.

**Premessa nru. 8**: ........... huwa ma kienx kapaċi peress illi **huwa ma kienx f’sensih** fl-epoka li sar it-testment

**Premessa nru 9**: Illi l-istat abittwali tat-testatur David Dalli, fl-epoka qabel it-testment, tat-testment u anki wara t-testment sal-mewt tieghu , kien illi t-testatur **ma kienx kapaci jiddisponi minn hwejjgu stante l-marda li kien affettat biha**...................

**Premessa nru. 10**: Illi għalhekk dan it-testment huwa null u bla effett ġuridiku għax huwa **kien marid b’moħħu** meta għamlu jew subordinatament **kien ta’ moħħ u ta’ volonta tant debboli li kien strument f’idejn ħaddieħor** ............................”

Huwa evidenti illi kuntrarjament għal dak sottomess mill-konvenuta; l-atturi ma humiex qed jipproċedu bis-saħħa tal-Artikolu 605 (1) (ċ) tal-Kap. 16.

Applikata l-ġurisprudenza fuq ċitata għal każ in eżami, jirriżulta li m’hemm l-ebda konflitt fit-talbiet meta r-rikorrent jirreferi għall-inabilità mentali u li b’din l-istess inabilità it-testatur ikun aktar suxxettibbli għall-influwenzi minn terzi persuni. Il-konflitt ikun jeżisti meta attur f'kawża l-ewwel jitlob li testment jiġi annullat minħabba inkapaċita mentali imbagħad jgħaddi sabiex jgħid li jekk it-talbiet tiegħu msejsa fuq l-inabilita' mentali ma jintlaqgħux , il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tiddikjara li l-persuna li ser tiret hija persuna mhux denja minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 605 (1).

Ġialadarba t-talbiet tar-rikorrenti huma limitati għall-ewwel xenarju surreferit, din il-Qorti tqis illi ma rriskontrat l-ebda konflitwalita' u/jew

kontradittorjeta' la fil-premessi u lanqas fit-talbiet attriċi. Għalhekk tqis l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta bħala infondati u qed tiċħadhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta;

2. Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
24 ta' Ottubru 2019

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**
24 ta' Ottubru 2019